



Dokument ta' sessjoni

B8-0004/2016

17.12.2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar il-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-migrazzjoni

Sophie Montel, Florian Philippot

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-politika migrazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-migrazzjoni

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fl-2013, fi Franza kien hemm 5,8 miljun immigrant (jiġifieri 8,9 % tal-popolazzjoni residenti fi Franza), u bejn l- 2007 u l-2013, in-numru ta' immigranti legali li daħlu Franza żdied bi 22 %;
- B. billi, skont ir-riċerka ta' Georges Borjas fl-Istati Uniti, żieda ta' 10 % fin-numru ta' immigranti tbaxxi b'madwar 3 % fil-pagi ta' persuni nattiv bi livell tal-edukazzjoni;
- C. billi, skont studju tas-Centre d'études prospectives et d'informations internationales (CEPII), fi Franza żieda ta' 10 % fin-numru ta' immigranti fi klassi ta' xogħol partikolari tbaxxi b'madwar 3 % fir-rata ta' impjieg ta' persuni nattiv bi profili simili;
- D. billi xi kapijiet ta' kumpaniji ewlenin appellaw biex jintlaqgħu iktar migranti bil-għan li jagħmlu pressjoni favur it-tnaqqis tal-pagi;
- E. billi, skont il-previżjonijiet demografiċi tal-Eurostat, fi Franza l-popolazzjoni ser tikber b'4 % sal-2080 mingħajr il-ħtieġa tal-immigrazzjoni;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni ma tinkoraġġix lill-Istati Membri, u partikolarment lil Franza, jilqgħu numru dejjem ikbar ta' immigranti;
- 2. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri.